# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tlettax (13) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 22 t' Awwissu 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsilliera qablu li ma nagħmlux 'pole' għall-basketball ring u li jsir mal-ħajt [ref: punt nru. 3.1]

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi MaltaPost ma jistgħux jibagħtu l-van illi jużaw bħala 'point of collection' ġor-raħal għalissa.

3.3 Is-Sindku qal illi l-kennies kien fir-raħal kuljum mil-laqgħa preċedenti sal-ġurnata ta din is-seduta. Il-Kunsill qabel illi dan għandu jlaħħaq max-xogħol, iżda fis-sajf, minħabba s-sħana, il-kunsilliera qablu li għandu jaħdem f'ħinijiet raġenevoli għalih.

3.4 Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla qalu li l-ħaddiema tal-IPSL għandhom ikunu jafu x-xogħolijiet illi għandhom jagħmlu minn ġurnata qabel biex ikunu jistgħu jibdew kmieni. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi reġgħu ħallew il-qsari mingħajr ilma. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li nsibu kuntrattur biex isir dan ix-xogħol jekk il-ħaddiema mhux se jilħqu. Ma kienx hemm qbil mill-kunsilliera l-oħra ma dan is-suġġeriment. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi huma għandhom ilaħqu max-xogħol u għandhom isaqqu l-qsari darbtejn, jew tlieta, fil-ġimgħa. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-Kunsill, u mhux l-individwi, jidher ħażin meta ma jsirx dan ix-xogħol.

3.5 Is-Sindku qal illi nnota li hemm min jipparkja mad-dawra f'triq San Ġwann, anke meta jkun hemm postijiet tal-parkeġġ vojta [ref punt nru. 3.19].

3.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ma rċieva l-ebda risposta meta talab għan-numru tan-number plate ta' dak illi qed isuq goff u jtella l-hand brake fir-raħal [ref punt nru. 3.20]

3.7 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fil-futur għandna nieħdu l-opinjoni tan-nies qabel ma nieħdu azzjonijiet rigward il-preparazzjonijiet tal-festa [ref punt nru. 4.4]. Is-Sindku qal illi minħabba z-zkuk il-bandalora ma toqgħodx peress illi hija 'l ġewwa. Qal ukoll illi l-floodlights qegħdin f'posthom.

3.8 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi n-nies xorta qegħdin iwaddbu l-imbarazz fejn il-Bring In Sites ta' triq il-Kuċċard, avolja dak il-BIS mhux qiegħed fil-post matul il-festa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġġerixxa li bħas-snin preċedenti nieħdu l-bins tal-BIS ta' triq ta' Ġawħar.

3.9 Is-Sindku qal illi l-kuntrattur tal-ġbir taż-żibel għamel xogħol tajjeb wara l-festa. Il-Viċi Sindku lmenta li ma kienx hemm fejn tarmi u qal illi darb'oħra se jkollna bżonn iżjed bins fil-pjazza. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fil-passat kien isir talba lil każini u ħwienet biex jagħmlu skips barra. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi qabel kien ikun hemm bins fil-pjazza iżda kien hemm il-problemi bihom u għalhekk qlajnihom fil-passat.

3.10 Is-Sindku qal illi se jżid rekwiżit fil-permessi għal futur fejn in-nies illi japplikaw għal permess għandhom joħorġu tlett dustbins għal kull 10 imwejjed illi joħorġu.

3.11 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm video fuq youtube fejn tfal tar-raħal qegħdin iduru r-raħal fuq speedboat fil-pjazza. Qal illi qegħdin nidhru ħażin wara li ra ftit kummenti fuq dan il-video. Is-Sindku qal illi bħala Kunsill m'għandna l-ebda kontroll fuq dan.

3.12 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-qsari ta' quddiem il-Kazin kienu għadhom hemm [ref punt nru 4.8]. Is-Sindku qal illi dawn kienu tneħħew qabel il-festa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna navzaw il-pulizija li karrozzi ma jistgħux jipparkjaw f'Żurrieq Road fis-26 t'Awwissu. Is-Sindku qal illi waslu l-barriers, waqt illi l-kunsillier Carlo Stivala qal illi ħadu 10 minnhom minħabba l-funeral tal-eks Prim Ministru l-Perit Mintoff.

.

3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellem mal-koordinatur tal-iskola Sajf u affermat illi t-tifel kien imdejjaq [ref punt nru. 6.1] għax kien ikbar mill-bqija tal-klassi. Il-Kunsill qabel illi l-flus jiġu rifonduti lura

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Energy Audit [ref punt nru. 6.3] se jsir meta l-kuntrattur ikun jista jiġi. Il-Kunsill għandu jħallas €400 għal dan ix-xogħol.

3.15 Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa li fil-futur, dawk illi jipparteċipaw fis-Summer Leagues għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni biex jaffermaw illi l-plejers kollha jagħmlu mar-regolamenti [ref punt nru. 8.1].

3.16 Is-Sindku qal illi l-ħarġa tal-festa ta' Santa Marija ma saritx għax ma kienx vijabli wara li ftit nies ikkanċellaw posthom [ref punt nru. 10.8].

3.17 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk għandna nibagħtu email lil persuna illi għandu jaqta s-siġra tiegħu li qed toħloq inkonvenjenza għal ġirien, kif ukoll għall-pubbliku [ref punt nru. 10.10]. Is-Sindku qal illi s-sid għandu jieħu ħsieb dan ix-xogħol. Il-Viċi Sindku qal illi aħna għanda dritt naqtawha jekk partijiet mis-siġra qegħdin joħorġu lejn it-triq.

**4. Korrespondenza**

4.1 Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament minn familja li rċevew il-ħsibijiet tal-Kunsill wara mewt fil-familja tagħhom.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara rapport tal-GreenPak illi juri li r-raħal għadu lura fejn jiġi kkonċernat l-iskart riċiklabbli, avolja minn 31 kunsilli hemm erbgħa biss li jużaw is-servizzi tal-GreenPak illi qegħdin aħjar minn Ħal Safi.

4.3 Il-kunsill irċieva ittra minn omm illi tħoss ilil għandna nsaħħu s-sorveljenza tal-Playing Fields speċjalment għax hemm tfal illi jidħlu hemm bir-roti. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa li nagħmlu barriers għal kontra r-roti u kontra l-karrozzi tar-remote tat-tfal. Issuġerixxa li nsibu post ieħor biex jilagħbu b'dawn il-karrozzi. Il-Kunsill qabel illi t-tfal m'għandhomx jidħlu fil-Playing Fields bir-roti.

**5. Skeda tal-pagamenti.**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'hemmx skeda tal-pagamenti minħabba problemi li l-Kunsill kellu bil-kompjuters. Għalhekk fil-laqgħa li jmiss se jkun hemm żewġ skedi ta' pagamenti.

**6. Break down tas-Summer League**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, flimkien mal-kunsillier Carlo Stivala, qalu li fis-Summer League 2012 kull tim ħallas €100. Kien hemm 11 timijiet u għalhekk il-Kunsill daħal €1100. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi rċieva sponsors minn dawn il-kumpaniji:

- C and M Gypsum [€50 ewro u ġejjin €50 oħra]
- Fsadni Garage [€25]
- Chayo Pet Needs [€20]
- Gold Lady Jewellers [tagħna casings għal premji kollha]: €195
- PUMA [2 blalen]
- Convenience Shop, Magnus, Każin San Pawl, il-bar ta' PL Safi, Paradise [drinks]
- Charles Fenech [trophies]

6.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi jekk terġa ssir is-Summer League, wara konsultazzjoni mar-referee Anthony Briguglio, għandna nistaqsu lil kull tim biex iħallas depositu. Qal ukoll illi għandna nibagħtu ittra biex nirringrazzjaw lil dawk kollha li għenu.

**7. Festa**

7.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab spjegazzjoni dwar x'ġara fil-weekend preċedenti minħabba l-bollards. Is-Sindku qal illi tal-Każin kellhom ċwievet illi ma qablux mal-katnazzi. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi mar magħhom u ma kienux tajbin. Is-Sindku qal illi s-set li uża hu kienu tajbin u qal ukoll illi avolja ħriġna 4 settijiet, għal xi raġuni ġbarna 7 settijiet lura! Is-Sindku qal illi mal-bollards kien hemm in-numri tal-mobajls ta' dawk li kellhom ċwievet u xorta s-Sindku u l-Kunsill rċevew telefonati biex jinfetħu l-bollards.

7.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi n-nies tar-raħal jafu x'toroq alternattivi għandhom jużaw biex jidħlu fir-raħal meta jkun hemm il-bollards, iżda jekk għandu jidħol ambulanza, bħal ma ġara din is-sena, huma ma jkunux jafu kif jistgħu jidħlu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dawk illi jċemplu għandhom javżaw lil tal-ambulanza minn fejn għandhom jagħdu f'dan il-każ.

7.3 Is-Sindku qal illi ma nistgħux naċċettaw illi tal-gabanni joħorġu d-dawl biex jixgħel għal fuq il-bini tagħhom. Qal ukoll illi tal-gabbani għandhom jersqu sal-ġnub biex karrozzi jkunu jistgħu jgħaddu.

**8. Ħwejjeġ oħra**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kors tan-Non Smoking għandu jsir fil-13 u 14 ta' Settembru.

8.2 Il-kunsillier Publius Abdilla reġa qal illi għandna nagħmlu notice board fil-qalba tar-raħal. Is-Sindku qal illi nagħmlu waħda mhux fixed.

8.3 Is-Sindku ppropona li nixtru bukkett fjuri għal festa ta' San Pawl. Il-Kunsill qabel.

8.4 Is-Sindku rċieva talba biex nagħmlu bank fejn l-istage t' Arriva f'triq San Pawl. Kulħadd qabel illi ssir.

8.5 Is-Sindku rringrazzja s-sur Elton Busuttil li għamel parti sostanzjali tal-bankina ta' triq San Pawl bil-flus tiegħu u ma jridx flus għal dan. Il-Kunsill se jibgħat ittra biex nirringrazzjawh. Il-Viċi Sindku

Johan Mula qal illi għandna nkunu ċari fuq x'għandhom jagħmlu n-nies f'każijiet bħal dan, biex nissetjaw proċedura. Qal illi suppost dawn għandhom iħallsu garanzija għal dawn ix-xogħolijiet.

8.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi meta toħroġ il-barra minn triq Dun Karm Lia, m'hemm l-ebda indikazzjoni li ma tistax tikser fuq ix-xellug. Qal illi hemm l-istess problema fejn l-isqaq tal-Każin PN. Qal illi għandhom isiru vleġeġ jew tabelli.

8.7 Il-Viċi Sindku rċieva lmenti dwar bus stop ta' Żurrieq Road għax hemm ħafna ħmieġ u ħsara mal-balavostri. Jemmen illi għandna nagħmlu camera hemmhekk. Is-Sindku qal illi dan huwa każ magħluq għax fil-passat kien hemm mara li gidbet ħafna biex nneħħu l-istage minn hemm. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien anka sar petizzjoni. Is-Sindku qal illi mhux se jneħħi l-istage issa meta baqgħet hemm fil-passat.

8.8 Il-Viċi Sindku ta update tal-laqgħa li kellu mal-EUPA. Qal illi hemm fondi għan-nies bejn 13-30 il-sena biex imorru pajjiż ieħor bħala parti minn exchange. Il-Kunsill għandu jgħin biex in-nies jimlew il-formoli. Qal illi hemm ammont ta' fondi li rridu jintużaw issa għax jintilfu jekk le. Qal ukoll illi għal kull vjaġġ irid ikun hemm xi skop. Kulħadd qabel.

8.9 Il-Viċi Sindku qal illi għandna nibagħtu ittra lin-nies li jgħixu triq il-Kuċċard biex nagħtu update fuq x'qed jiġri bix-xogħol hemmhekk. Il-kunsillier Publius Abdilla qal ma jistax jifhem għal xiex qegħdin igorru n-nies t'hemmhekk għax ma naqsilhom xejn minn li kellhom qabel. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna naraw fejn wasalna fix-xogħol. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien hemm problemi simili fit-triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nibagħtu lil Transport Malta biex jibagħtu update.

8.10 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm bżonn illi jsir sleeping policeman f'triq tal-Ajżar fejn il-biċċa d-dejqa. Qal illi dan għandu jsir għas-sigurta għal ta' dawk illi jgħixu hemm għax meta joħorġu jsibu karrozza ma wiċċhom. Avolja qabel mal-proposta, il-kunsillier Publius Abdilla qal illi sleeping policemen ma tantx jagħmlu effett illum.

8.11 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna naraw mal-Head Kowċ kemm it-tifel hemm fin-Nursery f'kull kategorija. Qal illi hemm timijiet li joffru li jieħdu t-tfal on-loan u jilagħbu mat-tim sa 18. Meta jagħlqu 18 isir free release fejn jekk hemm tim ta' Ħal Safi fil-futur ikunu jistgħu jiġu magħna b'xejn. Is-Sindku qal illi bħala Kunsill ma nistgħux nidħlu għal din l-inizjattiva. Qal illi aħna m'għandniex in-

nursery biex nagħmlu qliegħ. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi sema minn ħafna tfal illi qalu li sejrin ma nurseries oħrajn u qal illi mhux se nponu xejn fuq ħadd, ħlief illi jkun hemm ftehim fejn tifel ikun jista jiġi lura mat-tim ta' Ħal Safi [jekk ikun hemm] fil-futur. Se ssir laqgħa mal-Head Kowċ fuq dan il-punt. Is-Sindku u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla qalu li qatt ma kelna problemi fil-passat mal-Head Kowċ u għandna nisimgħu l-opinjoni tiegħu qabel ma nieħdu deċiżjoni.

8.12 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi St. Benedittu qegħdin jagħmlu attivitajiet flimkien mal-KMS. Ippropona li naraw mal-KMS jekk nistgħu ngħinu biex niġbdu iżjed nies hemmhekk.

**9. Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss ser tkun fit-12 ta' Settembru 2012.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |